MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 621/2008

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Johan Cauchi
Martin Cauchi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 137080(M) u 482574(M) rispettivament akkuzati talli:

1. nhar il-15 ta’ Lulju 2008 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija, fil-konfini ta’ Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, kontra l-persuni ta’ l-Assistant Kummissarju Paul Sammut,

is-Surgent 1577 Silvio Magro u s-Surgent 1439 John Tabone, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioè membri tal-korp tal-Pulizija, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b’ligi kieu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li kienu ghamlu skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun;

U lil Johan Cauchi wahdu talli:-

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Ossama Boushra, xufier ta’ vettura tal-garr tal-passiggieri bin-numru tar-registrazzjoni LCY940, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta;

Semghet lill-imputati jirregistraw ammisjoni fl-liema ammisjoni huma nsistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma straxxitu tal-istraxxitu tal-istrajk tal-mezzi ta’ trasport li sehh f’Lulju ta’ dina s-sena u l-imputati li huma sewwieqa ta’ ‘taxi’ stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, huma akkuzati b’attakk jew resistenza kontra persuni inkarigati skond il-ligi, fil-kaz odjern, membri tal-Korp tal-Pulizija, skond l-Artikolu 96 tal-Kap 9 u bl-offiza kontravenzjonali skond l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9, oltre li l-imputat Johan Cauchi hu wkoll akkuzat bl-offiza kontravenzjonali skond l-Artikolu 339 (d) tal-Kap 9.

Illi stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati huma ghandhom jinstabu hatja ai termini tac-citazzjoni. Filwaqt ghalhekk illi qeghda tiddikjarhom hatja, wara li rat l-Artikolu 96, 338(ee) u 17 tal-Kap 9 u wkoll l-Artikolu 339(d) fil-konfront tal-imputat Johan Cauchi, tiddeciedi li:

- fil-konfront tal-imputat Johan Cauchi li tikkundannah ammenda ta’ €50 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghal tlett snin mil-lum.
- fil-konfront ta’ Martin Cauchi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-oneri taghhom li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------